**Unità tal-ERTMS:**

L-unità ERTMS tippermetti lill-Aġenzija twettaq ir-rwol tagħha ta' Awtorità tas-Sistema għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS).

L-ERTMS tinkludi s-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji (ETCS), u s-Sistema Ferrovjarja tar-Radju Mobbli (RMR, din hija s-sistema tal-vuċi u tat-telekomunikazzjoni għall-ferroviji). L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà (TSI) għas-subsistema tal-Kmand tal-Kontroll u s-Sinjalazzjoni (CCS) huma l-qafas legali li jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-ERTMS; huma jagħmlu referenza għad-dokumenti dettaljati ta' speċifikazzjoni disponibbli fil-paġni apposta tas-sit web tal-Aġenzija.

L-ERTMS tiddependi fuq il-komunikazzjoni tad-*data* u s-sistemi tal-ipproċessar tad-*data*, li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti dettaljati. Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' sistemi bħal dawn, b'kont meħud tal-evoluzzjoni teknoloġika, l-introduzzjoni ta' funzjonalità ġdida u t-titjib mir-ritorn tal-esperjenza jagħmlu ċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawk is-sistemi konsiderevolment aktar mgħaġġel mill-biċċa l-kbira tas-subsistema ferrovjarja l-oħra. Hemm fis-seħħ proċess iddedikat għall-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdilgħall-ispeċifikazzjonijiet tal-ERTMS, biex jiġi żgurat li l-esperti tas-Settur u tal-Aġenzija jkunu jistgħu jipproċessaw b'mod effiċjenti u f'waqtu t-talbiet biex jinbidlu r-rekwiżiti tekniċi dettaljati.

Element ewlieni tas-sistema ferrovjarja diġitali interoperabbli huwa l-RMR, is-sistema ta' komunikazzjoni tar-Radju Mobbli Ferrovjarju. L-iżvilupp tat-teknoloġiji 5G jirrappreżenta opportunità biex titneħħa gradwalment is-sistema eżistenti tal-GSM-R. Waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-unità hija li tiddefinixxi r-rekwiżiti għas-sistema futura ta' komunikazzjoni bir-radju għall-ferroviji (FRMCS).

Il-kompetenzi ewlenin fl-ETCS u l-RMR huma disponibbli għall-Aġenzija għall-attivitajiet differenti, b'mod partikolari biex jitwettqu proġetti ta' Awtorizzazzjoni tal-Vetturi u ta' Approvazzjoni tal-ERTMS maġenb il-Binarji, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka u taċ-ċibersigurtà.